

# Attivitajiet ta' liċenzjar minn SMEs: evidenza minn sidien ta' trademarks tal- UE

Sommarju Eżekuttiv



## SOMMARJU EŻEKUTTIV

L-assi ta' proprjetà intellettuali għandhom rwol dejjem aktar importanti fl-istrateġija korporattiva minħabba l-potenzjal tagħhom li jwasslu għal profitti akbar u joħolqu valur għall-kumpanija. Għalhekk, bħal assi oħra li huma proprjetà ta' kumpanija, assi IP għandhom valur. Madankollu, il-kwantifikazzjoni ta' dak il-valur tista' tkun ta' sfida, u l-valutazzjoni ta' IP tibqa' ostaklu kbir għad-dritt ta' proprjetà intellettuali (IPR) li jkun meqjus bħala ass negozjabbli. Trademark (TM) hija tip ta' IPR li tgħin biex tiġi stabbilita l-marka ta' kumpanija u tissottolinja l-karattru distintiv tagħha fis-suq. Fir-rapport EUIPO/EPO dwar il-kontribut tal-industriji intensivi fl-IPR għall-UE <sup>(1)</sup>, l-industriji li jużaw b'mod intensiv it-TMs jagħmlu l-akbar kontribuzzjoni għall-ekonomija tal-UE, bi 30 % tal-impjegji tal-UE (direttament u indirettament) u 37 % tal-PDG tal-UE ġġenerat minn dawn l-industriji.

Is-sid tat-TM jista' jużaha biex jidentifika l-oġġetti jew is-servizzi prodotti, jew jista' jagħti permess lil kumpanija oħra (id-detentur tal-liċenzja) tuża t-trademark bi skambju għal benefiċċju ekonomiku. Għalhekk, il-liċenzjar ta' trademark huwa mod kif jinkiseb il-benefiċċju ekonomiku mill-IPR. Dan ir-rapport jagħti valur lil stokk tad-ditta ta' TMs ibbażati fuq karatteristiċi osservabbli ta' kampjun ta' SMEs li għandhom EUTMs u li jilličenzjawhom għal oħrajn. Sussegwentement, il-valur kapitalizzat tal-EUTM huwa stmat bħala d-dħul tal-liċenzja totali mistenni li jiġi realizzat matul il-ħajja ekonomika tagħha.

Sfħarriġ indirizzat lil sidien ta' SMEs ta' EUTMs jżvela li 7.5 % tal-SMEs li għandhom EUTMs illičenzjawhom lil oħrajn matul il-perjodu 2013–2017. Barra minn hekk, dan l-istħarriġ juri li d-dħul medju annwali mil-liċenzjar ta' EUTMs huwa stmat li jlaħħaq l-EUR 64 924 għal kull ditta (ekwivalenti għal 5.7 % tal-fatturat medju tal-SMEs Ewropej) matul il-perjodu 2013-2017. Għaldaqstant, id-dħul annwali stmat mil-liċenzjar ta' EUTMs mill-SMEs kollha fl-UE huwa ta' EUR 1.9 biljun.

Il-ħajja medja ta' EUTM irreġistrata mill-SMEs, abbażi tar-reġistru tal-EUIPO, hija ta' 20 sena. Abbażi ta' dan u abbażi tar-riżultati tal-istħarriġ, il-valur gross kapitalizzat ta' EUTMs illiċenzjati mill-SMEs għall-ħajja kollha mistennija tagħhom huwa stmat għal EUR 38 biljun, ekwivalenti għal EUR 1.3 miljun għal kull ditta li toħroġ il-liċenzji.

<sup>(1)</sup> L-EUIPO/EPO "Industriji intensivi tal-IPR u l-prestazzjoni ekonomika fl-Unjoni Ewropea. Rapport ta' analiżi fil-livell tal-industrija, Settembru 2019. It-tielet edizzjoni".

L-istħarriġ juri wkoll li l-SMEs fis-settur tas-servizzi huma aktar probabbli li jilliċenzjaw l-EUTMs tagħhom u jiksbu dħul ogħla mil-liċenzji, kemm f'termini assoluti kif ukoll meta mqabbla mal-fatturat medju tal-SMEs kollha.

## Attivitajiet ta' liċenzjar minn SMEs: evidenza minn sidien ta' trademarks tal-UE

